MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Numru. 788/2002

PULIZIJA
SPETTURJOSEPH MERCIECA
VS
JSOEPH FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Farrugia ta' 50 sena, iben Joseph u Carmela nee Micallef, imwieled Qormi fil-15 t'a Marzu 1952 u li joqghod Manor court, block B5, Triq it-Turisti, Qawra ID nru 346352M talli f'dawn il-gzejjer, bejn l-1 t'April 1999 u t-28 t'Awissu 1999, bhala detentur jew amministratur tal-istabbiliment maghruf bhala Clara May Restaurant, Pizzeria & Bar, fi Triq it-Turisti, Qawra, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li ge maghmulin b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarieqa li wiehed sta kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, kkommetta serq ta' kwantita ta' dawl elettriku ghad-dannu ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta,

liema serq jammonta ghal erba mija u erba u erbghin lira maltin u 92 centezmu (Lm444.92), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont. Barra minn hekk, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe meter tad-dawl, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri maltin (Lm10) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Eneamalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-17 t'Ottubru 2002 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha mal-Korporazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 263, 264, 267, 270, 325, u 533 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.